# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju, 2025**

**Numru 4**

**Rikors numru 54/2001/2 PC**

**Maurice Hili**

**v.**

**Francis Attard, Carmel Attard u b'digriet tat-2 ta' Ġunju 2015 il-ġudizzju ġie trasfuż fuq martu Juliett Attard minflok Carmel Attard *stante* l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża u Carmel Vella**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Maurice Hili minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali nhar is-26 ta' Frar 2019 fejn *inter alia* il-Qorti; (i) iddikjarat lill-konvenut Francis Attard waħdu responsabbli għad-debilitazzjoni sofferta konsegwenza tal-aggressjoni subita mill-attur fl-

inċident mertu tal-kawża; (ii) illikwidat id-danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mija tmienja u sebgħin ewro (€24,178); (iii) ikkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata.

**Daħla:**

2. B'rikors maħluf nhar is-6 ta' Ġunju 2001, l-attur fisser li nhar l-1 ta' Awwissu 2000 waqt illi hu kien qiegħed fuq il-post tax-xogħol tiegħu fil-Port tal-Mġarr f'Għajnsielem, Għawdex, fejn huwa mpjegat mal-kumpanija Gozo Channel, huwa ġie avviċinat ħabta u sabta u sussegwentement aggredit mill-konvenuti Francis Attard, Carmel Attard u Carmel Vella. L-attur spjega illi hu kien qiegħed fuq rampa tal-konkos jaqta' l-biljetti lill-passiġġieri u l-vetturi tagħhom. Ġie spjegat li l-attur allegatament ġie mbuttat minn Frangisku Attard bil-konsegwenza li l-attur spiċċa waqa' minn fuq ir-rampa tal-vapur, għal fuq il-moll, xi erba' piedi għoli, fejn wara ttieħed l-isptar. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni subita, huwa sofra ġrieħi konsiderevoli li minħabba fihom ġie rikoverat l-isptar. Minħabba dawk il-ġrieħi l-attur sofra debilitazzjoni ta' natura permanenti. Fid-dawl ta' dan kollu talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ta' l-agressjoni subita mill-attur fid-data fuq imsemmija u gaħd-debilitazzjoni konsegwentement sofferta mill-attur;*

> *2. Tillikwida għalhekk id-dannni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza ta' dan linċident li wassal għad-debilitazzjonijiet fiżiċi fuq l-attur;*
>
> *3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita f'Mejju 2001 u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi."*

3. Il-konvenut Carmel Attard, ressaq nota ta' eċċezzjonijiet nhar is-26 ta' Ġunju 2001 u afferma illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, *stante* li mhux minnu illi hu kien b'xi mod involut fl-inċident illi fih allegatament Maurice Hili ġie aggredit u sofra xi aggressjoni. Żied ukoll illi, lanqas huwa minnu li b'konsegwenza tal-aggressjoni Maurice Hili sofra d-debilità permanenti illi minnha qiegħed jilmenta. Sostna ukoll illi jekk Maurice Hili sofra xi debilità permanenti, din mhix dovuta għall-inċident li allegatament ġara fl-1 ta' Awwissu 2000, iżda għal raġunijiet oħra. Mingħajr preġudizzju għall-premess, sostna ukoll illi l-inċident ġie provokat unikament u esklussivament minn Maurice Hili u minħabba l-karattru ferm aggressiv u provokattiv tiegħu.

4. Il-konvenuti Carmel Vella u Francis Attard fin-nota ta' eċċezzjonijiet imressqa minnhom nhar it-3 ta' Lulju 2001, *inter alia*, eċċepew illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex mhux minnu illi huma kienu b'xi mod involuti fl-inċident iżda kien l-istess attur Maurice Hili li pprovoka l-inċident minħabba l-karattru ferm aggressiv u provokativ tiegħu. Lanqas huwa minnu illi b'konsegwenza tal-aggressjoni illi huwa

allegatament sofra, Maurice Hili sofra d-debilità permanenti illi minnha qiegħed issa jilmenta. Bħal konvenut Carmel Attard, sostna illi, jekk Maurice Hili sofra xi debilità permanenti, din mhix dovuta għall-inċident illi allegatament ġara fl-1 ta' Awwissu 2000 iżda għal raġunijiet oħra.

5. B'sentenza mogħtija nhar is-26 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati Għawdex Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet il-kawża billi:

> *"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:*
>
> *1. Tiddikjara lill-konvenut Francis Attard waħdu responsabbli għad-debilitazzjoni sofferta konsegwenza tal-aggressjoni subita mill-attur fl-inċident mertu ta' din ilkawża;*
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident fissomma ta' erbgħa u għoxrin elf mija tmienja u sebgħin euro (€24178);*
> *3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attur s-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2016, u inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali mibgħuta f' Mejju 2001, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jitħallsu mill-konvenut Francis Attard, ħlief għal dawk tal-konvenuti Carmel Vella u ta' Carmel Attard (illum sopravissut min martu Julietta), li ma nstabux responsabbli għad-danni subiti, li għandhom jibqgħu a karigu tal-attur."*

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat *sopra* huma s-segwenti:

> *"Kif sejjer jiġi ndikat f'iżjed dettal hawn taħt, per konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra debilità permanenti meta waqa' minn fuq ir-rampa tal-vapur u ħabat rasu mal-art. Il-feriti l-oħra li kellu bid-daqqiet ta' ponn fuq widintu x-xellugija u għajnu, ma jirriżultax li kkawżawlu xi debilità permanenti jew kellu xi konsegwenzi serji minħabba fihom. Għalhekk safejn jidher li dawn iż-żewġ feriti ġew ikkaġunati millkonvenuti Carmel Vella u Carmel Attard, m'hemm xejn għal xhiex dawn it-tnejn għandhom*

*iwieġbu. Minn naħa l-oħra, m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li mill-provi hawn fuq indikati jirriżulta, fil-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, li kienet l-imbuttatura li ta l-konvenut Francis Attard lill-attur li kkaġunat il-waqa' tiegħu minn fuq ir-rampa għal fuq il-moll, xi metru 'l isfel. Jekk din l-imbuttatura kenitx intenzjonata biex twaqqa' lill-attur jew sempliċement biex tifirdu minn ma' Carmel Vella, kif x'aktarx jidher li kien il-każ, huwa mmaterjali għal-fini ta' din il-kawża, għax kif rajna, sew jekk il-ħsara ġiet ikkaġunata b'dolus jew culpa, min ikkaġunaha irid jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi tagħha*.

*Din il-Qorti pero', bir-rispett kollu, ma taqbilx mat-teżi ta' dawn il-konvenuti. Dan għaliex ma jidhirx li kien hemm xi provokażzjoni da parti tal-attur. Anzi, fil-ħin li nqala' dan l-inċident, huwa kien qiegħed għal xogħlu fuq ir-rampa tal-vapur jaqta' l-biljetti tal-passiġġieri. Kien il-konvenut Vella li mar ifittxu u avviċinah biex jieħu sodisfazzjon għal dak li kien seħħ il-jum ta' qabel. Għalkemm dan jgħid li d-daqqa fuq għajnu tahielu b'reazzjoni għal daqqa oħra li pprova jagħtih l-attur u b'hekk spiċċaw fl'idejn, dan ma tantx jidher li huwa verosimili. Kien l-attur biss li ġarrab feriti fuq ġismu, u ħadd mill-konvenuti ma lmenta li weġġa' b'xi mod. Lanqas huwa wisq kredibbli l-konvenut Vella meta jgħid li huwa ried biss spjegazzjoni mingħand l-attur fuq dak li kien seħħ lejliet, biex jekk hemm bżonn iċanfar lil bintu, meta huwa evidenti li kien għadu rrabjat sew għal dak li ġara.*

*LIKWIDAZZJONI TA' DANNI*

*Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx quantitative scale tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fillimiti stabbiliti mil-liġi. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' wkoll utilment tuża bħala tests biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie. Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans)*

*Damnum Emergens:*

*A tenur tal-artikolu msemmi, il-ħsara li persuna rsponsabbli għandha twieġeb għaliha taħt dan l-aspett hija:*

*(i) t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara;*
*(ii) l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara; u*
*(iii) it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali.*

*Dwar (i): ma jirriżultax li kien hemm xi telf f'dan ir-rigward. Dwar (ii): l-attur esebixxa diversi riċevuti dwar spejjeż mediċinali u visti għand lispeċjalisti li huwa kellu jagħmel sakemm kien qiegħed jirkupra mill-effetti tat-trawma li għadda minnha, u jippretendi kumpens għalihom. Madankollu jirrizulta li huwa bbenefika minn medical insurance tal-kumpanija li jaħdem magħha li bis-saħħa tagħha huwa ġie kkumpensat fis-somma ta' Lm1005.12. Għalhekk, a tenur tal-prinċipju li d-danni għandhom kemm jista' jkun jiġu minimizzati, ma jidhirx li dawn l-ispejjez huma ripetibbli. Dwar (iii): L-attur għamel erba' xhur nieqes mix-xogħol. Qabel l-inċident kien jaħdem filgrad ta' deck hand (baħri) u kellu paga ta' Lm97 fil-ġimgħa, li għal erba' xhur igibu: Lm97 x 17= Lm1649. Madankollu jirrizulta li sadanittant ingħata kumpens mill-employer tiegħu għal injury leave fis-somma ta' Lm1440.27 Jigi għalhekk li attwalment tilef biss: Lm209, jew fi flus kurrenti €486 mill-paga. L-attur jippretendi kumpens ukoll minħabba li kien talab li jingħata light duties in segwitu għa dan l-inċident, u għalhekk tqiegħd fil-grad ta' ticket collector b'riduzzjoni ta' Lm3 fil-ġimgħa fil-paga, u għal xi zmien anke f'telf ta' overtime.28 F'dan ir-rigward sejjer jagħmel tajjeb pero' il-kumpens li ħa jingħta bħala lucrum cessans, li qiegħed proprju biex jagħmel tajjeb għal xi telf futur minħabba d-debilità permanenti. Kien hemm ukoll pretensjoni dwar xogħol part-time li l-attur jgħid li kien jagħmel isuq ittrukkijiet ma' burdnar, li huwa jsostni li ma setgħax ikompli jagħmel wara dan l-inċident minħabba l-istrapazz li kien jinvolvi. Imma ma jirrizultax li dan ix-xogħol qatt ġie reġistrat mal-awtoritajiet. Il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-attur m'għandux jiġi kkumpensat meta kien hemm kawża illeċita.*

*Lucrum Cessans:*

*Dawn id-danni huma kontemplati wkoll fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, u jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ li tbati l-vittma 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li l-egħmil doluż jew kopluż seta' jġib. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "Jinghad illi l-qrati taghna filpronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom… ... Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*

*Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Huwa ġie ċertifikat mill-esperti mediċi nominati mill-Qorti li jbati minn debilità permanenti fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għal dak li jirrigwarda l-ħsara f'rasu u dahru, kif ukoll ta' sitta fil-mija (6%) għar-rigward tal-menomazzjoni fis-smiegħ u l-vuċi. Kif ġie mfisser fil-ġurisprudenza: "(il-Qorti) trid tezamina l-aspett ta' Lucrum Cessans u Combined Values meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabilita' totali ta' persuna jekk bhala kawża tal-incident ikunu rrizultaw diversi injuries (impairment ratings). Infatti wara li jigu stabiliti*

*limpairment ratings, ghall-kondizzjonijiet kollha kawża tal-incident, fil-fehma tal-Qorti, kif presjeduta, ma tasalx ghal persentagg ta' dizabilita' billi tghodd l-impairment ratings f'daqqa, izda billi tuza lformula hawn taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-'whole person impairment' u li tghaqqad flimkien id-diversi ratings kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti, u tibqa' dejjem miexi hekk." In konformita' ma' din il-ġurisprudenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn id-debilitajiet għandhom għalhekk iġibu flimkien a weighted average ta': 15% + 6%/2 = tmintax fil-mija (18%). Il-konvenuti pero' ttentaw jitfgħu dubbju dwar kemm l-attur tassew ibati minn dawn iddebilitajiet, billi l-esperti mediċi fil-maġġior parti tal-eżerċizzju tagħhom kellhom joqgħodu sempliċement fuq dak li rrelatalhom l-attur, billi ftit irriżultat menomazzjoni fiżika apparenti. Infatti pproduċew evidenza li l-attur kien baqa' għaddej bix-xogħol agrikolu tiegħu fir-raba li għandu, għalkemm f'parti żgħira minnha, billi in segwitu għallinċident kien wella' l-biċċa l-kbira lil terzi għaż-żergħa. Dwar dan esebew ukoll xi ritratti u video li juru lill-attur jaħdem fir-raba, jimbotta moħriet u anke jerfa' xkejjer bil-patata.*

*Il-paga tal-attur bħala deck hand sa meta seħħ dan l-inċident, kif rajna, kienet ta' Lm97 filġimgħa li jġibu: Lm5044 f'sena, li llum ifissru: €11,752. L-overtime li jista' jaħdem l-attur mhux sejjer jiġi kkunsidrat billi dan huwa biss fakoltattiv, skont l-esiġenzi tas-servizz u ddisponibilita' tal-impjegat. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €11752 (paga bażi) x 14 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 18% (debilitàpermanenti) = €29615. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas ukoll is-solitu kwint (1/5) minħabba l-lump sum payment, għalkemm, tenut kont id-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, l-attur isostni li dan m'għandux isir. Minn eżami tal-proċess jidher pero' li dan id-dewmien kien ikkawżat mill-ħafna provi li ressaq l-attur u l-kontroeżamijiet eżawrjenti li ried jagħmel lix-xhieda prodotti mill-konvenuti u l-eskussjoni talesperti mediċi. Terġa' kien hemm dewmien pendenti l-eżitu fil-proċeduri kriminali li kienu għaddejjin kontestwalment, kif ukoll minħabba l-appell li sar mill-attur minn digriet ta' din il-Qorti. Għalhekk is-somma finali dovuta għal dan il-fini tigi: €23692.*

*RI-EPILOGU*

*Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli mill-konvenut Francis Attard u likwidat in linea ta' danni kkaġunati lill-attur, per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa ssegwenti:*
*Damnum emergens: €486 +*
*Lucrum Cessans: €23,692*
*Total ta: €24,178."*

7. Permezz tal-appell tiegħu l-attur talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti:

> *"limitatament fir-rigward tal-kalkolu tad-danni subiti , in kwantu naqset 20% għal-lump sum payment, użat multiplier ta' 14% u 18% bħala l-grad ta' diżabilità sofferta minnu u minflok ma tagħmel l-ebda tnaqqis minħabba l-lump sum payment, tapplika multiplier ta' 24 u grad ta' diżabilità ta' 21%; bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut Francis Attard."*

8. L-appellant ressaq tliet aggravji li prinċipalment jirrigwardaw il-mod kif l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkomputa d-danni pagabbli lill-attur.

9. L-appellat Francis Attard u Carmel Vella wieġbu għal dan l-appell fl-1 ta'April 2019 u saħqu illi l-aggravji mressqa mill-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt. L-istess Francis Attard inqeda bl-appell tal-attur appellant u ressaq appell inċidentali li permezz tiegħu ressaq erba' aggravji li fil-maġġior parti tagħhom jirrigwardaw ir-responsabbilità tiegħu fl-akkadut, u l-element ta' responsabbiltà kontributorja tal-attur.

10. Gulia *sive* Julietta Attard wieġbet għall-appell tal-attur permezz ta' risposta datata 8 ta' April 2019 u permezz ta' risposta datata 27 ta' Mejju 2020 wieġbet ukoll għall-appell inċidentali ta' Francis Attard.

11. L-attur, Maurice Hili intavola risposta għall-appell inċidentali ta' Francis Attard nhar is-27 ta' April 2019.

12. Inżammu diversi seduti quddiem din il-Qorti u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

13. Din il-Qorti tqis illi għandha l-ewwel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji mressqa fl-appell inċidentali, li fil-maġġiorparti tagħhom jitrattaw ir-responsabbilità għall-inċident in kwistjoni, b'dana illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward jistgħu possibbilment jimpinġu fuq il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward l-appell prinċipali.

**Konsiderazzjonijiet:**

L-Appell Inċidentali:

14. Permezz tal-***<u>ewwel aggravju</u>***, Francis Attard isostni illi huwa ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident u għad-debilità li sofra l-attur u dan għaliex l-inċident innifsu kien ipprovokat mill-attur. Jispjega illi meta ġara l-incident huwa mar iferraq u jifred lill-parteċipanti fil-ġlieda li kien beda l-istess Hili. Iżid illi fil-konfużjoni li nħolqot l-attur kien spiċċa biex waqa u ġarrab xi ġrieħi. Afferma illi filwaqt illi huwa minnu li Attard spiċċa biex instab ħati fil-proċeduri kriminali, dik is-sentenza m'għandhiex awtomatikament twassal għal ħtija fil-kamp ċivili.

15. L-attur wieġeb għal dan l-ewwel aggravju u sostna illi dan jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-fatti kif magħmula mill-Ewwel Qorti, u kif huwa ben risaput, il-Qorti tal-Appell ma tistax tvarja tali interpretazzjoni, sakemm ma jkunx hemm xi raġuni gravi. Iżid illi fl-appell tiegħu Attard bl-ebda mod ma spjega kif tali interpretazzjoni hija żbaljata. Isostni illi kif

jirriżulta mill-provi kien Francis Attard li telaq minn fejn il-familja tiegħu u mar fejn l-attur li kien fuq ix-xogħol sabiex jaggredih u jassisti lil Carmel Vella fil-ġlied. Afferma ukoll illi ġialadarba Francis Attard instab ħati mingħajr ebda dubju raġonevoli, l-Ewwel Qorti għalhekk ma setgħetx leġġerment issib lill-istess mhux ħati fuq bilanċ ta' probabbiltà.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fuq din it-teżi:

> *"Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, l-legali tal-konvenuti Francis Attard u Carmel Vella, jissottometti li peress li dan l-inċident kien ipprovokat mill-attur, għandu jiġi mwettaq dak li jistipula l-artikolu 1051 tal-Kap. 16 kif applikat fil-ġurisprudenza, fis-sens li: "Il-Qorti ghalhekk taqbel li f'dan il-każ kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu responsabbli ghar-ragunijet fuq vokażżjoni da parti tal-atttalli rreagixxa bil-mod vjolenti. Il-konvenut ghandu jgawdi minn riduzzjoni tad-danni minhabba dina l-provokażżjoni. In tema ta' htija kontributorja, il-principju akkolt fil-gurisprudenza hu illi fejn din il-htija ma tistax tigi diviza b'certezza allura din l-istess htija tigi ugwalment apporzjonata," u għalhekk l-attur għandu jiġi attwribut nofs il-ħtija għal dak li ġralu.*
>
> *Din il-Qorti pero', bir-rispett kollu, ma taqbilx mat-teżi ta' dawn il-konvenuti. Dan għaliex ma jidhirx li kien hemm xi provokażżjoni da parti tal-attur. Anzi, fil-ħin li nqala' dan l-inċident, huwa kien qiegħed għal xogħlu fuq ir-rampa tal-vapur jaqta' l-biljetti tal-passiġġieri. Kien il-konvenut Vella li mar ifittxu u avviċinah biex jieħu sodisfazzjon għal dak li kien seħħ il-jum ta' qabel. Għalkemm dan jgħid li d-daqqa fuq għajnu tahielu b'reazzjoni għal daqqa oħra li pprova jagħtih l-attur u b'hekk spiċċaw fl'idejn, dan ma tantx jidher li huwa verosimili. Kien l-attur biss li ġarrab feriti fuq ġismu, u ħadd mill-konvenuti ma lmenta li weġġa' b'xi mod. Lanqas huwa wisq kredibbli l-konvenut Vella meta jgħid li huwa ried biss spjegazzjoni mingħand l-attur fuq dak li kien seħħ lejliet, biex jekk hemm bżonn iċanfar lil bintu, meta huwa evidenti li kien għadu rrabjat sew għal dak li ġara."*

17. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk

jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula.)

18. Il-Qorti tosserva illi kif korrettement rilevat minn Hili, Attard ma offra l-ebda spjegazzjoni kif l-interpretazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti hija waħda żbaljata. Il-Qorti eżaminat l-atti tal-proċedura bir-reqqa u ma tqisx illi t-teżi ta' Francis Attard hija waħda fondata. Mix-xhieda prodotta jirriżulta b'mod ċar illi dakinhar tal-inċident l-attur kien fuq il-post tax-xogħol tiegħu, u ċjoè l-port tal-Mġarr. Jidher illi Carmelo Vella li flimkien mal-familja u l-qrabat tiegħu kien qiegħed ix-xatt, mar ifittex lil Hili l-port.

19. Filfatt kif jirriżulta mix-xhieda ta' Angelo Meilaq, impjegat tal-Gozo Channel[1], filwaqt illi kien Carmelo Vella li staqsih għall-Hili: "Fejn hu Maurizio?", lanqas laħaq spiċċa s-sentenza li Carmelo Vella intebaħ b'Hili u filfatt qallu 'ħa nkellmu'. Lawrence Buttigieg li kien qiegħed ukoll fil-post fejn seħħ l-inċident xehed illi kienet ġemgħa nies li marret għal Maurizio u ċjoè għall-attur. Minn dak li xehed Buttigieg jirriżulta illi l-familjari tal-

---

[1] Ara xhieda a fol 139 tal-atti.

konvenuti effettivament kollha niżlu l-Port minn qabel ma beda l-konfront fiżiku bejn il-partijiet. Fil-fatt PC 301 Carmel Saliba ukoll spjega illi: "*sa'xhin mort ġew erba' oħra b'ċertu furja jaħbtu għal Mawrizju.*" Rat ukoll mit-testimonjanza ta' Robert Micallef, kollega ieħor tal-attur, illi meta l-uffiċjal tal-Pulizija kien irnexxilu jikkalma s-sitwazzjoni, kif il-kollegi l-oħra u l-attur bdew telgħin fuq il-vapur, ix-xhud spjega illi ra lil wieħed mill-irġiel li kienu qed jaħbtu għalih, u cjoè għall-attur jiġri fid-direzzjoni tal-attur, u mbuttah minn sidru minn fuq ir-rampa għal isfel fuq il-moll. Żied illi wara li mbuttah, dan il-bniedem telaq mill-post.

20. Tenut kont ta' dak li ġie rilevat mix-xhieda okkulari din il-Qorti tqis illi l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti kienet korretta, u bħala hija tal-fehma illi ma kien hemm l-ebda provokażżjoni da parti tal-attur.

21. Għalhekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

22. Permezz <u>***tat-tieni aggravju***</u>, Francis Attard jafferma illi fl-agħar ipotesi, u kif jirriżulta *per* ammissjoni tal-istess attur, ir-responsabbilità tal-inċident ma kinitx ta' Francis Attard waħdu. Jirriżulta min-nota ta' sottomissjonijiet ta' Hili illi kemm Carmel Attard u kif ukoll Carmel Vella, kienu involuti fil-ġlieda, attakaw lill-attur u kkawżawlu wkoll ġrieħi li huma kompattibbli ma dak riskontrat mill-esperti mediċi maħtura. Illi għalhekk

isostni illi mhuwiex ġust li hu jiġi mgħobbi bir-responsabbilità kollha għall-inċident, u lanqas mhuwa ġust li l-konsegwenzi kollha tad-debilità sofferta mill-attur li għaliha kkontribew l-konvenuti l-oħra, tiġi addossata esklużivament lilu.

23. Bi tweġiba għal dan it-tieni aggravju, Hili jikkontendi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 2008, ma sabitx lil Carmel Attard u Carmel Vella, ħatja li kkaġġunaw ħsarat u feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attur. Afferma illi l-Ewwel Qorti kienet ukoll tal-istess ħsieb. Iżid illi l-unika prova li Attard ipprova jġib in sostenn ta' dak sostnut minnu, hija biss l-allegazzjoni magħmula minn Hili illi t-tliet konvenuti kienu responsabbli.

24. B'referenza għal dan l-aggravju, Juliett Attard sostniet illi żewġha ġie liberat mill-akkużi kriminali li kkaġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-attur, u filfatt l-Ewwel Qorti eżoneratu wkoll minn kull responsabbilità. Il-ġrieħi gravi sofferti mill-attur kienu konsegwenza tal-waqa' mill-għoli meta dan ġie mbuttat minn fuq ir-rampa tal-vapur għal isfel fuq il-moll minn Francis Attard. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservażżjonijiet fuq dan l-aspett:

> *"Kif sejjer jiġi ndikat f'iżjed dettal hawn taħt, per konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra debilità permanenti meta waqa' minn fuq ir-rampa tal-vapur u ħabat rasu mal-art. Il-feriti l-oħra li kellu bid-daqqiet ta' ponn fuq widintu x-xellugija u għajnu, ma jirriżultax li kkawżawlu xi debilità permanenti jew kellu xi konsegwenzi serji minħabba fihom. Għalhekk safejn jidher li dawn iż-żewġ feriti ġew ikkaġunati mill-konvenuti Carmel*

> *Vella u Carmel Attard, m'hemm xejn għal xhiex dawn it-tnejn għandhom iwieġbu. Minn naħa l-oħra, m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li mill-provi hawn fuq indikati jirriżulta, fil-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, li kienet l-imbuttatura li ta l-konvenut Francis Attard lill-attur li kkaġunat il-waqa' tiegħu minn fuq ir-rampa għal fuq il-moll, xi metru 'l isfel. Jekk din l-imbuttatura kenitx intenzjonata biex twaqqa' lillattur jew sempliċement biex tifirdu minn ma' Carmel Vella, kif x'aktarx jidher li kien ilkaż, huwa mmaterjali għal-fini ta' din il-kawża, għax kif rajna, sew jekk il-ħsara ġiet ikkaġunata b'dolus jew culpa, min ikkaġunaha irid jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi tagħha."*

25. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-proċeduri, b'mod partikolari ir-rapporti tal-esperti mediċi u ma tqisx illi għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti. Mit-testimonjanza tax-xhieda okkulari, filwaqt illi jidher illi a kawża tad-daqqiet ta' ponn subiti mill-attur da parti tal-konvenuti l-oħra, l-attur kellu xi dmija, sakemm din ir-rissa ġiet kontrollota mill-uffiċjal Anthony Stellini, l-attur kien f'sensih u f'siktu, tant illi kien fuq ir-rampa flimkien ma' xi kollegi oħra, lest biex ikompli jagħmel xogħlu. Kienet l-imbuttatura da parti ta' Francis Attard, illi kkawżat il-*head injury* riskontrata mill-esperti, u kien a kawża ta' din l-istess *head injury* li l-attur safa' jbati mis-sintomi indikati fl-imsemmija rapport.

26. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li bħall-Ewwel Qorti kellha l-opportunità li tisma' *viva voce* x-xhieda okkulari, ukoll dehrilha illi filwaqt illi sabet lill-konvenuti l-oħra ħatja ta' ksur tal-*bon* ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied, kien Francis Attard illi kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attur. Filfatt it-Tabib Peter Muscat li kien stazzjonat l-isptar Ġenerali ta' Għawdex dakinhar li ddaħħal l-attur,

xehed[2] illi l-attur kien *drowsy*, kellu gundalla fuq għajnu x-xellugija u anke daqqa, iżda kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Muscat, l-iktar ħaġa inkwetanti għalihom kien il-fatt li l-i*skull* in-naħa tal-lemin kien imxaqqaq. Spjega illi dawn huma feriti li huma kompatibbli ma' daqqa qawwija; u ċjoè l-imbuttatura.

27. Il-Qorti rat illi Dr Galea Debono fir-rapport tiegħu a fol 213 *et seq* tal-atti sostna illi l-attur: *"kellu ksur fir-ras kif ukoll emoraggija taħt l-għadma tar-ras… u għad għandu ugiegħ kroniku fir-ras kif ukoll f'dahru. Dawn is-sintomi huma mistennija li jkunu ta' natura permanenti. Il-ħsara li ġarrab fir-ras fil-futur tista' tkun il-kaġun ta'attakki ta' epilessia."* L-espert l-ieħor, Eric J Farrugia fir-rapport tiegħu a fol 521 et seq., tal-atti afferma illi: *"Following the 1st August 2000 head injury there is clearly documented the following complaints: (i) Difficulty with speech which persist till today… (ii) Suffers from tinnitus- right ear and documented in post op visist at neurosurgical outpatients."*

28. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi d-debilità permanenti sofferta mill-attur hija unikament konsegwenza tal-imbottatura li biha l-attur waqa' minn fuq ir-rampa tal-vapur għal fuq il-moll. Huwa pależi illi kienet il-ħsara li ġarrab f'rasu a kawża ta' din l-istess imbottatura li ġabet magħha id-

[2] Ara xhiedha a fol 115.

diffikultajiet fiżiċi li l-attur għadhu afflitt minnhom, u mhux id-daqqiet ta' ponn subiti mill-konvenuti l-oħra.

29. Għalhekk u tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma tqisx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

30. Permezz **_tat-tielet aggravju_**, u f'kontinwazzjoni ma' dak rilevat minnu fit-tieni aggravju, Francis Attard jikkontendi illi hu ma kellux jinstab responsabbli għad-debilità kollha waħdu *stante* li kien hemm ukoll l-involviment ta' terzi. Isostni illi l-feriment fil-widna sar minn Carmel Attard u *se mai* kellu jkun Carmel Attard li jinżamm responsabbli għal tali debilità. Iżid illi mill-provi rriżulta illi l-attur baqa' jagħmel xogħol li kien jikkomporta ċertu strapazz fiżiku b'dan illi l-qagħda medika tiegħu żgur li kienet aħjar minn dak ikkonstatat mill-esperti mediċi. Żied ukoll illi l-Ewwel Qorti lanqas ma kkunsidrat il-fatt li l-attur kien isofri minn debilità fiżika minn qabel l-inċident.

31. B'risposta għat-tielet aggravju, Hili jisħaq illi huwa qiegħed jerġa jmur fir-raba' wara li kiseb parir mit-tabib tiegħu u filfatt minn għoxrin (20) tomna raba, tnejn minnhom biss qiegħdin jinħadmu. Fir-rigward id-debilità fiżika sofferta minnu qabel l-inċident in kwistjoni, Hili sostna illi mhuwiex minnu li l-esperti mediċi ma ħadux dan il-fatt in konsiderazzjoni, u filfatt mix-xhieda prodotta rriżulta illi fl-inċidenti anteċedenti għal dak in

deżamina, l-attur ma kien ġarrab xejn daqstant serju. Żied illi kien f'dan l-inċident illi ġarrab ksur fir-*right temporal bone*, u li seta' jwassal għal konsegwenzi fis-smiegħ u fil-vuċi, kif filfatt ġara. Jispjega illi l-panċiera li kien libes kienet intiża biss sabiex iserraħ siequ l-leminija li kien għadu kemm lewa minn naħa tal-koxxa u din kienet l-istess panċiera li kien jilbes meta kien jerfa' fil-Ġimgħa l-Kbira.

32. Il-Qorti tagħraf illi dan l-aggravju huwa strettament marbut mat-tieni aggravju ġia indirizzat. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiddilunga inutilment, u tqis illi l-osservazzjonijiet magħmula minnha *sopra*, isibu ukoll applikażżjoni fil-kuntest ta' dan it-tielet aggravju, u għalhekk żżomm ferm dak minnha ġia kkunsidrat.

33. B'żieda però din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-asserzzjoni ta' Francis Attard illi l-esperti mediċi appuntati mill-Ewwel Qorti ma ħadux konjizzjoni tal-inċidenti anteċedenti għal dak mertu tal-vertenza odjerna. Il-Qorti rat illi mir-rapport tal-espert Eric J Farrugia li jinsab *a fol 521 et seq.,* huwa evidenti illi l-imsemmi espert kellu rendikont dettaljat u sħiħ tal-inċidenti kollha li fihom l-attur kien involut. Filfatt fir-rapport tiegħu l-istess espert Eric J Farrugia issottolinea illi:

> *"The fact that Mr Hili has been unlucky to have sustained three separate head injuries with skull fractures makes this case very difficult to interpret and correlate the alleged complaints with relation to his last injury. Hence I have taken my time to study carefully the patient's medical notes. On the first two head injury admissions hospital notes show that there were no neurological deficits after*

> *discharge from hospital. Subsequent outpatient's visits revealed only post concussion symptoms of nervous and anorexia in the 14h of June 1991 event and left sided headaches in the 6th October 1998 event."*

34. Il-Qorti ssib illi din l-osservazzjoni tikkorabora dak li effettivament xehdu l-attur u martu, in kwantu li wara dawn l-inċidenti l-oħra, l-attur ma kien ġarrab l-ebda debilità permanenti, u li hu kien jilbes l-imsemmija panċiera bħala mezz ta' 'support', partikolarment fuq il-post tax-xogħol, in kwantu li bħala baħri ġieli kien ikun hemm ġranet fejn ix-xogħol kien jirrikjedi aktar strapazz. Filfatt kien biss wara l-inċident mertu tal-vertenza odjerna li l-attur talab li jingħata "light duties", u minkejja li fil-perjodu in kwistjoni l-attur kien xi ftit imweġġa għaliex kien lewa siequ, dan jidher illi kien biss infortunju temporanju u li bl-ebda mod ma kien qiegħed ixekkel lill-attur milli jkomplu b'xogħlu. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta pjenament u b'mod indiskuss mir-rapporti mediċi illi kien biss wara **dan** l-inċident illi rriżultaw "neurological deficits", filwaqt li fl-inċidenti l-oħra jidher illi l-attur ġarrab biss *post concussion symptoms* ta' natura temporanja.

35. Il-Qorti rat ukoll illi permezz ta' dan l-aggravju, Francis Attard reġa' ttenta jqajjem il-kwistjoni li l-attur Hili jinsab f'qagħda fiżika illi hija konsiderevolment aħjar minn dak riportat fir-rapporti mediċi, tant illi filfatt huwa xorta waħda baqa' jaħdem ir-raba' tiegħu. Mill-provi in atti jidher illi dan kien aspett dibattut, u filfatt tosserva illi l-attur ipproduċa numru ta'

xhieda biex jirribattu dak allegat minn Attard u anke mill-konvenuti l-oħra.

Għar-rigward, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> *"Il-konvenuti pero' ttentaw jitfgħu dubbju dwar kemm l-attur tassew ibati minn dawn iddebilitajiet, billi l-esperti mediċi fil-maġġior parti tal-eżerċizzju tagħhom kellhom joqgħodu sempliċement fuq dak li rrelatalhom l-attur, billi ftit irriżultat menomazzjoni fiżika apparenti. Infatti pproduċew evidenza li l-attur kien baqa' għaddej bix-xogħol agrikolu tiegħu fir-raba li għandu, għalkemm f'parti żgħira minnha, billi in segwitu għallinċident kien wella' l-biċċa l-kbira lil terzi għaż-żergħa. Dwar dan esebew ukoll xi ritratti u video li juru lill-attur jaħdem fir-raba, jimbotta moħriet u anke jerfa' xkejjer bil-patata.*
>
> *… kif ukoll tar-risposti li taw l-istess esperti mediċi għad-domandi in eskussjoni rispettivi talkontendenti, fejn minkejja dawn ir-riżultanzi, baqgħu isostnu l-konklużjonijiet tagħhom, din il-Qorti mhix tal-opinjoni li għandha tiddipartixxi minn dawn il-konklużjonijiet peritli, li allura tagħmilhom tagħha wkoll."*

36. Filwaqt illi l-konvenuti pproduċew sensiela ta' ritratti li juru lill-attur fir-raba' tiegħu, u anke xehdu illi kien hemm diversi drabi fejn huma kienu raw lill-attur jaħdem l-għelieqi u jagħmel xogħol ta' ċertu strapazz fiżiku, meta din il-Qorti għasret it-testimonjanza tal-konvenuti rat illi effettivament tali testimonjanza ma kinitx waħda konsistenti. Il-Qorti tosserva illi fuq dan il-punt biss, filwaqt illi kien hemm drabi fejn il-konvenuti affermaw illi l-għada li ħareġ mill-isptar l-attur kien diġà qiegħed isuq, u lura fir-raba' waħdu f'qasir żmien, f'testimonjanzi oħra stqarru illi l-attur ma kienx ikun waħdu, u li kienu rawh isuq gimgħat wara li ħareġ mill-isptar u mhux l-għada.

37. Filfatt lanqas ma ġiet riskontrata konsistenza fuq ir-rakkont ta' kif żvolġiet il-glieda li feriet lill-attur, kif anke dikjarat mill-uffiċjali tal-Pulizija

nkarigati mill-investigazzjoni ta' dan il-każ fit-testimonjanzi rispettivi tagħhom, b'dan illi għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi għandha tagħti wisq affidament lil dak dikjarat mill-konvenuti, speċjalment meta minn naħa l-oħra l-attur pproduċa bħala xhieda lil diversi persuni, fosthom Loreto Sultana, fejn b'mod konsistenti affermaw illi filwaqt illi huwa minnu li l-attur jagħmel ċertu xogħol fir-raba', il-maġġiorparti tar-raba' qiegħda tinħadem minn terzi minn wara l-inċident in kwistjoni. Lanqas ma ġie ppruvat mill-konvenuti li l-attur kien qiegħed jagħmel xi xogħol ta' bini fil-garaxx, u dan kif affermat mill-lavranti li kienu nkarigati minn dan il-bini, li *viva voce* xehdu illi huma qatt ma raw lill-attur fuq is-sit.

38. Ġie ritenut illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Falzon et v. Emanuel Schembri et*** (PA JRM 30/06/2020) illi:

> *"…il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lillvittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-effetti tad-dannu mġarrab minnha."*

39. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

40. Permezz ***<u>tar-raba' aggravju</u>*** Attard jirrileva illi l-Ewwel Qorti lanqas ma kkunsidrat in-negligenza kontributorja tal-attur, *stante* li l-istess attur ma kienx liebes ilbies prottettiv fuq il-post tax-xogħol bħala baħri fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*. Żied illi għalhekk l-attur għandu jkun

responsabbli għal tali nuqqas, u l-perċentwali ta' diżabilità sofferta mill-attur ma tistax qatt teċċedi l-ħamsa fil-mija (5%).

41. B'risposta għal dan l-aggravju, Hili jafferma illi Attard ma ġab l-ebda prova ta' dak minnu allegat, u lanqas ma ġab provi dwar x'ilbies protettiv l-attur kien obbligat li jilbes fuq il-post tax-xogħol. Isostni illi meta hu safa' aggredit minn Attard, huwa kien qiegħed fuq xogħol jaqta' l-biljetti lill-passiġġieri u l-vetturi tagħhom u ma kienx qiegħed jagħmel xogħol ta' baħri, b'dan illi ma kienx meħtieġ illi jilbes *helmet* biex jagħmel dan ix-xogħol jew *safety shoes*.

42. Ġie ritenut illi skont l-Artikolu 1051 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ikun hemm kontributorjeta għall-ħsara, jeħtieġ: (a) li jkun hemm att ta' negliġenza da parti tal-persuna li tkun batiet il-ħsara, b'dan illi jrid ikun hemm konkors ta' ħtijiet: dik tal-konvenut u dik tal-attur; (b) li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-ħsara tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara[3] Għandu jiġi *sottolineat* ukoll illi l-piż tal-prova tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenut, u ċjoè fuq il-persuna li tkun qiegħda talleggaha.

43. Din il-Qorti kif diversament preseduta affermat illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed

[3] Ara Bugeja noe vs Borg deċiża mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili nhar il-11 ta' Mejju 1983.

ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara. Bosta drabi din l-imġieba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima *volenti non fit iniuria*. [4]

44. Huwa mħolli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm ħtija kontributorja minn naħa tad-danneġġjat, li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal, jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ. Filfatt il-liġi ma timponi l-ebda regola fissa jew determinanti li tistipula kemm għandha tkun dik il-propozjon jew frazzjoni ta' ħtija kontributorja, propju għaliex tali determinazzjoni hija mħollija f'idejn il-Qorti. Filfatt ġie ritenut illi: "*In order to establish the defence of contributory negligence, the defendant must prove first, that the plaintiff failed to take 'ordinary care of himself' or, in other words, such care as a reasonable man would take for his own safety, and, secondly, that his failure to take care was a contributory cause of the accident."*[5]

45. Din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiddilunga inutilment fuq dan l-aggravju, b'dan illi hija l-fehma illi dan l-aggravju ma jista' qatt isib

---

[4] Ara Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2001, Martin Costa vs Jonathan Bugeja deciza mill-Prim'Awla nhar is-27 ta' Jannar 202, Emanuel Farrugia et vs Mario Magri deciza minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju 2024; Fleur Debono vs Shanylee Reed deciza minn din il-Qorti nha ril-15 ta' Novembru 2023.

[5] Du Parc, Lord Justice, in re: Lewis v. Denye (1939) 1 K.B. 540 at 554 iċċitat f' Charlesworth & Percy On Negligence (1997) para. 3-12.

applikażżjoni fiċ-ċirkostanzi odjerni. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi Attard naqas milli jressaq provi li jissostanzjaw tali allegazzjoni ta' negliġenza kontributorja da parti tal-attur in kwantu li ma kienx liebes ilbies prottettiv. Il-Qorti tosserva illi fl-istadju tal-ġbir tal-provi telgħu jixhdu diversi uffiċjali fi ħdan il-kumpanija Gozo Channel, u filwaqt illi saru diversi mistoqsijiet fuq il-*job designation* tal-attur, il-paga tal-attur, il-ħinijiet u l-*overtime*, ma saru l-ebda domandi fir-rigward ta' x'messu jew x'kien obbligat li jilbes l-attur fuq il-post tax-xogħol. Huwa minnu dak rilevat mill-attur, fatt konfermat minn diversi xhieda okkulari, illi dakinhar tal-inċident, l-attur kien inkarigat milli jaqta' il-biljetti tal-passiġġieri u l-vetturi rispettivi tagħhom, u dan a differenza tal-kollegi l-oħra tiegħu li kif xehdu huma stess, dakinhar kien hemm minn kien qiegħed jieħu ħsieb iċ-ċimi, etc.

46. Meta wieħed jalludi għal xi forma ta' negligenza kontributorja da parti tal-parti l-oħra, għandu jkun hu li jġib tali prova. Din il-prova ma nġibitx. Għalhekk dana l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

47. Għalhekk l-appell inċidentali interpost minn Francis Attard qiegħed jiġi miċħud fl-intier tiegħu u għalhekk din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tindirizza l-aggravji hekk kif dedotti fl-appell prinċipali.

*L-Appell ta' Mario Hili*

48. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant Hili ilmenta mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tnaqqas is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment* pagabbli lill-attur. L-appellant jisħaq illi normalment it-tnaqqis ta' 20% mill-*lump sum payment,* titnaqqas meta d-danni pagabbli jiġu transatti bonarjament barra mill-Qorti jew meta d-deċiżjoni tingħata f'qasir żmien minħabba l-vantaġġ li wieħed ikollu meta jirċievi din is-somma f'darba bil-quddiem u mhux f'pagamenti żgħar kull tant żmien. Fil-każ odjern, jirrileva illi għaddew tmintax-il sena mid-data tal-inċident sad-data tas-sentenza, u għalhekk dan it-tnaqqis ma kellux jiġi applikat fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* dovuti lill-attur. *Di piu* jżid illi l-Ewwel Qorti llikwidat d-danni dovuti sa meta l-attur għalaq 55 sena mentri hu diġà għandu sittin (60) sena.

49. L-appellati Francis Attard u Carmel Vella, b'referenza għall-ewwel aggravju jgħidu illi l-Ewwel Qorti għexet il-process mill-bidu sal-aħħar, u għalhekk kienet f'pożizzjoni aktar vantaġġuża minn kulħadd sabiex tistabbilixxi kemm kien l-attur li tawwal dawn il-proċeduri inutilment. Żiedu illi l-attur ma jistax jippretendi illi għaliex huwa għażel li jdum iżżejjed biex iressaq il-provi tiegħu, għandu jagħmel tajjeb għalih xi ħadd mill-konvenuti.

50. L-appellata Gulia *sive* Julietta Attard sostniet illi l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta u d-diskrezzjoni użat minnha fl-apprezzament tal-provi li waslitha tnaqqas kwint (1/5) mis-somma likwidata m'għandhiex tiġi disturbata leġġerment. Filwaqt illi huwa minnu li l-kawża damet għal tmintax-il sena, dan ma kienx tort ta' ħadd mill-konvenuti. Iżżid illi kien l-attur stess li ttenta jerġa jiftaħ l-istadju tal-provi tiegħu meta kienu diġà konklużi, b'dan illi talab jitħalla jippreżenta rapport ta' espert *ex parte* sabiex skontu jagħmel kjarifiki dwar osservazzjonijiet magħmula mill-Perit mediku maħtur mill-Qorti. Wara ċ-ċaħda ta' tali rikjesta da parti tal-Ewwel Qorti, l-attur kien appella, liema appell ġie ukoll miċħud. Dan ħa mhux inqas minn sentejn mill-ħajja proċesswali tal-kawża. Affermat ukoll illi l-attur għamel snin sħaħ ikaxkar saqajh biex iressaq u jagħlaq il-provi tiegħu.

51. Fil-każ tat-tnaqqis bħala *lump sum payment,* skont kriterju li ġie mistħarreġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005** ġie ritenut illi: "*f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawża iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawża iddum biex tigi decisa.*"

52. Filfatt skont ġurisprudenza kostanti, it-tnaqqis ta' 20% għal-*lump sum payment* jiġi gradwalment ridott bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. Dan it-tnaqqis jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża[6], sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi, ir-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, b'applikażżjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni *(Antoine Spiteri v. Mario Vella et. - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023; John Muscat v. Camray Limited et. - Qorti tal-Appell - 13 ta' Lulju, 2020.)*

53. Ġie ukoll ritenut illi jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (Ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021 u dik ta' ***Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited*** msemmija qabel).

54. Fir-rigward dan l-aspett l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> *"Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas ukoll is-solitu kwint (1/5) minħabba l-lump sum payment, għalkemm, tenut kont id-dewmien*

[6] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri.

*sabiex tinqata' din il-kawża, l-attur isostni li dan m'għandux isir. Minn eżami tal-proċess jidher pero' li dan id-dewmien kien ikkawżat mill-ħafna provi li ressaq l-attur u l-kontroeżamijiet eżawrjenti li ried jagħmel lix-xhieda prodotti mill-konvenuti u l-eskussjoni talesperti mediċi. Terġa' kien hemm dewmien pendenti l-eżitu fil-proċeduri kriminali li kienu għaddejjin kontestwalment, kif ukoll minħabba l-appell li sar mill-attur minn digriet ta' din il-Qorti."*

Konsidrat il-fatt li l-istadju tal-provi beda f' Mejju tas-sena 2009, u l-kawża ser tkun qiegħda tiġi definttivament deċiża issa, wara trapass ta' iktar minn ħmistax-il sena (15), hija l-fehma ta' din il-Qorti illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis bħala lump sum deduction. Ir-raguni tad-dewmien hi rrelevanti f'dan il-każ għaliex bit-trapass taż-żmien il-konvenut ħati ser ikun żamm f'idejh flus li jappartjenu lill-attur

55. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

56. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi għandha tikkunsidra *multiplier* ta' erbatax-il sena (14). Afferma illi minkejja li l-Qrati tagħna segwew il-formula ta' komputazzjoni kif żviluppata fil-kawża ***Butler vs Heard***, kien hemm estensjoni fl-applikażżjoni tagħha b'tali mod li beda jiġi rikonoxxut li l-Maltin qed igawdu minn ħajja itwal u bil-maġġoranza tagħhom jgħixu sa età l' fuq minn sebgħin (70) sena. Isostni illi fil-każ odjern kellu għalhekk jiġi addotat *multiplier* ta' 24 sena, ossija id-differenza bejn l-età ta' 65 sena u l-età ta' 41 sena u mhux 14-il sena kif applikat mill-Ewwel Qorti.

57. L-appellati Francis Attard u Carmel Vella b'referenza għat-tieni aggravju affermaw illi l-*multiplier* huwa element diskrezzjonali u għalhekk m'hemm xejn żbaljat fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, b'dan illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tinkwadra ruħha perfettament fil-parametri ta' sentenzi oħra

mogħtija.

58. L-appellata sostniet illi ma tara xejn ċensurabbli fil-mod kif irraġunat l-Ewwel Qorti fuq dan l-aspett u dak li wassal lill-Ewwel Qorti tabbraċja ċertu prinċipji a skapitu ta' oħrajn, hija ħaġa għal kollox diskrezzjonali li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tiddisturba leġġerment.

59. Hu assodat fil-ġurisprudenza tagħna li l-prinċipji stabbiliti fir-rigward tal-multiplier fil-kawża ewlenija ***Michael Butler v. Peter Christopher Heard*** deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru 1967, (Kollez. Vol. LI.I.488) li tat oriġini għalhekk imsejħa *multiplier system* ġew aġġustati għaż-żminijiet aktar riċenti. (Ara per eżempju Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru ,1983, u Emanuel Mizzi v. Carmel Attard deċiża fit-13 ta' Mejju, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2006). Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Huwa ritenut ukoll li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra, li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-inċident. Ġie stabbilit ukoll li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (ara sentenza Mifsud v. Camilleri ċitata qabel) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.

60. Din il-Qorti ħasbet fit-tul għar-rigward, rat illi fil-każ odjern, l-attur kellu wieħed u erbgħin sena meta seħħ l-inċident, b'dana illi huwa minnu li kien fadallu ċirka erbgħa u għoxrin sena oħra għall-irtirar. Tenut kont ta' dan kollu u b'applikażżjoni tal-ġurisprudenza tqis illi f'dan il-każ, filwaqt din il-Qorti tqis illi għandu jiġi addottat *multiplier* ta' erbgħa u għoxrin (24) sena kif preċiż mill-appellant. Dan qed jingħad għaliex l-attur għadu jaħdem sal-lum, ċjoè 23 sena wara l-inċident u għalhekk ma jirriżultax inċertezza f'dan il-każ dwar il-kapaċità ta' ħidma tal-attur għal dan it-tul ta' żmien li ser jiġi addottat bħala *multiplier*.

61. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

62. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jispjega illi huwa ħassu aggravat mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi minflok tapplika 21% diżabilità permanenti, tapplika diżabilità permanenti ta' 18%. Spjega illi fil-każ odjern, ġew nominati Dr Eric Farrugia, speċjalista tal-ENT u Dr Anthony Galea Debono, speċjalizzat fil-neuroloġija sabiex jistabbilixxu d-diżabilità permanneti li sofra l-attur. Filwaqt illi Dr Farrugia stabillixxa illi kien hemm 6% diżabilità permanenti fir-rigward ta' smiegħ u vuċi, Dr Galea Debono stabbilixxa perċentaġġ ta' diżabilità permanenti ta' 15%.

63. B'referenza għall-aħħar aggravju tal-appellant, l-appellanti Attard u Vella jaffermaw illi f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni, għandu jiġi

applikat il-*wieghted average*. Spjegaw illi l-Qorti trid tevalwa l-aspett ta' *lucrum cessans* u *combined values* meta tiġi biex tistabbilixxi l-perċentaġġ ta' diżabilità totali ta' persuna, jekk kawża tal-inċident ikunu jirriżultaw diversi debilitajiet.

64. L-appellata rrilevat illi dak rilevat minnha fir-rigward tat-tieni aggravju japplika ukoll għall-prinċipju tal-*weighted average* addottat mill-Ewwel Qorti.

65. Il-ġurisprudenza tgħallem illi fejn il-persuna danneġġjata jkollha diversi debilitajiet, huwa solitu illi l-Qorti tasal għal *weighted average* fir-rigward tal-perċentwal ta' diżabilità. F'sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited,*** il-Qorti affermat illi:

> *"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tarriżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)."*

66. F'sentenza oħra ta' din il-Qorti tas-6 t'Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** ingħad hekk fir-rigward:

> *"Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-weighted*

*average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat".*

67. L-Ewwel Qorti fil-każ odjern sostniet illi:

*"Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża. Huwa ġie ċertifikat mill-esperti mediċi nominati mill-Qorti li jbati minn debilità permanenti fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għal dak li jirrigwarda l-ħsara f'rasu u dahru ,kif ukoll ta' sitta fil-mija (6%) għar-rigward tal-menomazzjoni fis-smiegħ u lvuċi. Kif ġie mfisser fil-ġurisprudenza: "(il-Qorti) trid tezamina l-aspett ta' Lucrum Cessans u Combined Values meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabilita' totali ta' persuna jekk bhala kawża tal-incident ikunu rrizultaw diversi injuries (impairment ratings). Infatti wara li jigu stabiliti l-impairment ratings, ghall-kondizzjonijiet kollha kawża tal-incident, fil-fehma tal-Qorti, kif presjeduta, ma tasalx ghal persentagg ta' dizabilita' billi tghodd l-impairment ratings f'daqqa, izda billi tuza lformula hawn taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-'whole person impairment' u li tghaqqad flimkien id-diversi ratings kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti, u tibqa' dejjem miexi hekk."*

*In konformita' ma' din il-ġurisprudenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn id-debilitajiet għandhom għalhekk iġibu flimkien a weighted average ta': 15% + 6%/2 = tmintax fil-mija (18%)."*

68. Il-Qorti tqis illi fid-dawl tal-ġurisprudenza su-ċitata, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset illi fil-każ odjern għandu jiġi addottat *a weighted average* iżda tagħraf illi l-kalkolu kif magħmul ma kienx wieħed korrett. Din il-Qorti diġà kellha l-opportunità kif taħdem tali kalkolu u għalhekk f'dan il-każ sejra terġa' tapplika l-istess kriterju u ċjoè:[7]

(15x15= 225) + (6x6= 36) = 261/15+6 = 261/21= 12.4285714 = 13%

69. Għalhekk, skont il-kalkoli ta' din il-Qorti il-*weighted average* kellhu

[7] (Ara inter alia Rhys Ellul Sullivan vs Zachary Vella, deċiża nhar l-4 ta' Mejju 2022 u Lawrence Camilleri et vs Construct Furniture Company Limited deċiża nhar is-26 ta' Ottubru 2022.)

jkun ta' 13%. Però *stante* illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda appell f'dan ir-rigward u kien biss l-attur illi appella minn dan il-punt, il-Qorti hija marbuta b'dak deċiż mill-Ewwel Qorti, u għalhekk ir-rata ta' diżabilità permanenti għanda tibqa' dik ta' 18%. Tenut kont ta' dan kollu, jidher għalhekk illi l-*lucrum cessans* dovut huwa s-segwenti:

> **EWRO 11,752 (paga attur) x 24 sena (*multiplier*) x 18% (rata ta' diżabilità permanenti) = EUR 50,768.64**
>
> Dan iwassal għal total ta':
>
> Damnum Emergens: EUR 486
> Lucrum Cessans: EUR **50,768.64**
> **TOTAL: EUR 51,254.64**

70. Għalhekk, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra*, din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ.

**Deċiżjoni:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra*, billi:

(1) Tiċħad l-appell inċidentali fl-intier tiegħu, b'dana illi l-aggravji dedotti huma kollha infondati;

(2) Tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appell prinċipali, b'dan illi tvarja s-sentenza appellata billi tordna illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis

bħala *lump sum deduction*, u tordna ukoll illi l-*multiplier* fil-każ odjern għandu jkun dak ta' erbgħa u għoxrin sena (24) u mhux erbatax-il sena (14) kif oriġinarjament indikat mill-Ewwel Qorti;

(3) Tiċħad it-tielet aggravju tal-appell prinċipali.

Kwindi tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tordna illi l-ammont ta' danni dovut lill-attur huma fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf, mitejn erba' u ħamsin ewro u erba' u sittin ċenteżmu (**€51,254.64)**.

Tordna illi l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom ikunu kollha a karigu ta' Francis Attard, filwaqt illi terz ($^{1}/_{3}$) tal-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom ikunu a karigu tal-appellant, filwaqt illi tnejn minn tlieta ($^{2}/_{3}$) tal-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jiġu sopportati mill-appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb